



4.4.2011

0017/2011

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

impressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd

**Richard Seeber, Ole Christensen, Carl Haglund, Isabella Lövin,  
Anna Rosbach**

Data ta' skadenza: 7.7.2011

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. billi l-ħut jirrappreżenta parti mid-diversità tal-ħajja u huwa sors ta' ikel għall-popli tad-dinja kollha,
  - B. billi l-istokkijiet tal-ħut tal-UE f'ħafna każijiet qegħdin f'livelli prekarjament baxxi,
  - C. billi l-ibħra tal-Ewropa jistgħu jsostnu għadd ħafna akbar ta' ħut, iżda billi l-irkupru ma jistax iseħħ minħabba sajd eċċessiv u politiki li jinjoraw iċ-ċirkustanzi lokali u jippromwovu r-rimi ta' ħut,
1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta approċċ ibbażat fuq ix-xjenza, reġjonalment sensitiv u għal perjodu twil ta' żmien, u biex iddaħħal politiki li jippromwovu s-sostenibbiltà, filwaqt li tirrikonoxxi li f'xi każijiet dan jista' jirrikjedi tnaqqis temporanju fl-għadd ta' tunnellati ta' ħut li jinqabad;
  2. Jinsisti li l-għan għandu jkun li jiġi żgurat li l-ibħra tagħna jsostnu l-istokkijiet tal-ħut li tal-anqas huma kapaċi jagħtu l-qbid massimu sostenibbli, sabiex tkun żgurata industrija tas-sajd b'saħħitha, jingħata benefiċċju lir-reġjuni kostali fl-Ewropa kollha u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri;
  3. Jaċċetta l-fatt li l-UE għandha responsabbiltà globali li tippromwovi s-sajd sostenibbli u trid tiżgura li l-Ftehimiet tagħha ta' Sħubija dwar is-Sajd jissodisfaw l-istess kriterji bħal dawk applikabbli għas-sajd fl-ibħra tal-UE;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni.